MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 8/2000/1

Vincent Debrincat, u
Mary Jane armla ta' Eugenio Debrincat .

vs

Assistent Registratur tal-Qrati tal-Magistrati (Ghawdex),
Kummissarju tal-Pulizija .

Il-Qorti ,

Rat l-avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenuti jirrilaxxjaw a favur tal-atturi s-somma ta' erba' mija u sittin lira (Lm460) fi flus kontanti kif ukoll l-arloġġ tal-marka "Rhino", liema flus u arloġġ kienu ġew iddepożitati fil-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex fl-atti tal-inkjesta bin-numru 88/91, liema inkjesta kienet saret mill-Maġistrat Michael Mallia LL.D. fil-ħmistax (15) ta' Settembru 1994 u liema ammont ta' flus u arloġġ gew sussegwentement depożitati f'bank lokali mir-Reġistratur tal-Qorti u dana wara li jiġi dikjarat illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-istess flus u tal-

arloġġ u li fil-fatt, realment, għadda żmien biżżejjed biex tiġi terminata kwalunkwe investigazzjoni u li għalhekk l-atturi ghandhom kull dritt li jitolbu r-rilaxx tal-istess flus u arloġġ a favur tagħhom .

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tas-17 ta' Novembru 1999 u tal-protest numru .../99 tal-20 ta' Awissu, 1999 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrka .
Bl-imgħaxijiet ukoll skond il-liġi .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Assistant Reġistratur tal-Qrati (Għawdex), li eċċepiet illi :

1. l-eċċipjenti mhix il-leġittima kontradittriċi stante illi l-amministrazzjoni tal-Qrati hija vestita fir-Reġistratur tal-qrati ;
2. Illi l-oġġetti in kwistjoni jinsabu depożitati fil-Qorti imsemmija taħta l-awtorita' ta' l-istess Qorti ;
3. Illi sabiex l-eċċipjenti tkun tista' tirrilaxxjahom hija għandha tkun inġunta għalhekk mill-Qorti kompetenti fuq talba ta' l-attur ;
4. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija, li eċċepixxa illi :

1. Illi din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi in kwantu, ex admissis, l-oġġetti reklamati jinsabu esebiti fl-atti ta' l-inkjesta minnhom imsemmija.

2. Illi jsegwi wkoll illi l-azzjoni ta' l-atturi hija nulla in kwantu talba għar-rilaxx ta' l-oġġetti f'kazijiet simili trid issir lill-Maġistrat inkwirenti u mhux f'qorti ta' gurisdizzjoni ċivili .

3. Illi subordinatament u minghajr preġudizzju huwa mhuwiex il-leġittimu kuntradittur għat-

talba attriċi stante illi l-oġġetti mitluba mhumiex fil-pussess tiegħu iżda jinsabu depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu illi xi flus u oġġetti oħra msemmija minnhom fl-avviż, li ġew meħuda mid-dar tagħhom fil-kors ta' investigazzjoni tal-Pulizija u li ġew minn dawn sssegwentement iddepożitati taħt l-awtorita' ta' din il-Qorti, jiġu ritornati lilhom .

Jidher mill-ftit provi li nstemgħu illi dawn il-flus u oġġetti oħra ġew elevati mill-Pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tagħhom in konnessjoni ma' suspett ta' reat allegatament kommess mill-attur Vincent Debrincat . Dwar dan il-każ li seħħ fis-sena 1991, jidher illi kienet infetħet inkjesta ukoll . Jidher pero' illi din l-inkjesta ma tat ebda riżultati pożittivi u l-attur qatt ma ġie pproċessat dwaru . L-atturi ppruvaw b'diversi mezzi jirkupraw dawn l-oġġetti, imma s'issa kull tentattiv ta riżultati negattivi . Ma rriżultax jekk dik l-inkjesta ingħalqitx jew le u lanqas x'kien il-każ li kien qed jiġi nvestigat mill-Pulizija . Madankollu jidher illi llum, wara dan id-dekors ta' żmien kollu, m'għadux ġustifikat illi l-atturi jibqgħu jiġu inġustament imċaħħda mill-proprjeta' tagħhom, anke peress illi kwalunkwe reat, għajr l-omiċidju, li ma jidhirx illi huwa l-każ hawnhekk, llum jinsab preskritt .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża, billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lir-Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex, sabiex tirrilaxxja a favur ta' l-atturi is-somma ta' erba' mija u sittin lira maltija (Lm460) fi flus kontanti, kif ukoll l-arloġġ tal-marka "Rhino", liema flus u arloġġ kienu ġew iddepożitati fil-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex fl-atti tal-inkjesta indikata fl-avviż, u liema ammont ta' flus u arloġġ ġew sussegwentement depożitati f'bank lokali mil-istess Reġistratur .

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi ta-każ jibqghu bla taxxa .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------